# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 414 & 418/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Roderick Zahra**
**Ruth Spiteri**

**Illum 25 ta' April, 2019.**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant/appellat Roderick Zahra detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 262484M u l-appellata Ruth Spiteri detentrici tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 368679M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul il-perjodu ta' bejn il-11 t' Ottubru, 2017 u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

1. Roderick Zahra qed jigi akkuzat wahdu talli fl-20 ta' Awwissu, 2017 f'xi hin bejn -01:00 a.m. u l-11:30 a.m., ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Waykiki, 8, Triq Hans Christian Andersen, Naxxar u dan ghad-dannu

ta' Josian Tonna u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkuzat aktar talli bejn it-30 ta' Awwissu, 2017 u l-31 ta' Awwissu, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Triq Lord Byron Naxxar u dan ghad-dannu ta' Paula King u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. Akkuzat aktar talli bejn l-31 ta' Awwissu, 2017 u t-13 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Casa Margerita, Triq il-Hawt, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Marika Martinez u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
4. Akkuzat aktar talli bejn is-7 ta' Settembru, 2017 u t-8 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza Honeystone, Triq il-Gizimin, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Michele (Michael) Galea u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
5. Akkuzat aktar talli fl-10 ta' Settembru, 2017 ghal habta tas-02:44 p.m. ikkommetta serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza Christy, Triq il-Qasam, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Sidney Hili u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
6. Akkuzat aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 107, The Red Block, Triq it-Terz, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Claudio Camilleri u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
7. Akkuzat aktar talli bejn il-21 ta' Settembru 2017 u t-22 ta' Settembru 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 7, Triq Ghaxqet l-Ghajn, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Lydia Camilleri u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
8. Akkuzat aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza Bucharest Crt. Mais 1, Triq Apap Bologna, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Joseph Bonnici u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. Akkuzat aktar talli fid-29 ta' Settembru, 2017 ghal habta tas-07:00 a.m. ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Villa Borgese, Triq Ewgenju Borg, Zebbug Malta u dan ghad-dannu ta' Philip Micallef u/jew persuni ohra (Art. 285 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
10. Akkuzat aktar talli bejn il-15 ta' Settembru, 2017 u l-20 ta' Settembru 2017 f'xi hin filghodu ikkommetta serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza tal-Misluta, Triq Molletta, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Claire Burlo u/jew persuni ohra (Art 258. Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
11. Akkuzat aktar talli fix-xahar ta' Settembru 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Giebja, Triq l-Ilqugh, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Carmen Cauchi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
12. Akkuzat aktar talli fl-ahhar jiem, f'hin mhux maghruf, ikkommetta serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Casanna, No 72, Triq Margerita, Swieqi u dan ghad-dannu ta' Svetlana Robinson u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
13. Akkuzat aktar talli bejn is-16 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf ikkommetta serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq il-Giebja, Swieqi liema serq huwa kwalifikat bil-"valur" (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Jonathan Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(c), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Roderick Zahra qieghed jigi akkuzat bhala l-awtur u lil Ruth Spiteri bhala l-komplici ta' Roderick Zahra (Artikolu 42(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) talli:

14. Fl-1 ta' Settembru, 2017 f'xi hin bejn is-06:30 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Solei, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk u dan ghad-dannu ta' Louis Grech u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap

9 tal-Ligijiet ta' Malta).

15. Akkuzati aktar talli bejn is-06 ta' Settembru 2017 u t-08 ta' Settembru 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza Selma, Triq Filippo Apap Bologna, Mosta u dan ghad-dannu ta' Rabie Maloul u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
16. Akkuzati aktar talli bejn il-11 ta' Settembru, 2017 u l-15 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 70, Triq Hida, Kappara, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Dr. Mario Cutajar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
17. Akkuzati aktar talli bejn is-16 ta' Settembru 2017 u s-17 ta' Settembru 2017, f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' erbgha cilindri tal-gass minn barra r-residenza 35, Petunia, Triq Tamal, San Giljan, u dan ghad-dannu ta' Claire McCoy u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
18. Akkuzati aktar talli bejn is-17 ta' Settembru, 2017 u t-18 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 14, Casa Fabriano, Triq ic-Cawsli, San Gwann u dan ghad-dannu ta' Carmel Azzopardi u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
19. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 20, Triq Luigi Billion, Pembroke, ghad-dannu ta' Charles Vella u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
20. Akkuzati aktar talli bejn it-22 ta' Settembru, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f'xi hin mhux maghruf, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass minn barra r-residenza 158, Trqi Luigi Billion, Pembroke ghad-dannu ta' Mario Calleja u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
21. Akkuzati aktar talli fit-23 ta' Settembru, 2017 f'hin mhux maghruf ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 23, Triq it-Trincetta, Mosta u dan ghad-dannu ta' Fortunata Attard Cassar u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

22. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017 f'hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
23. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f'hin bejn 08:00 a.m. u l-12:00 p.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 225, Triq William Harding, Pembroke u dan ghad-dannu ta' Vincent Preca u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
24. Akkuzati aktar talli fit-28 ta' Settembru, 2017, f'hin bejn it-08:00 a.m. u l-11:15 a.m. ikkommettew serq ta' zewg cilindri tal-gass minn barra r-residenza 1, Il-Kantuniera, Triq Salvatore Castaldi, Pembroke u dan ghad-dannu ta' James Selvatico u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
25. Akkuzati aktar talli bejn it-2 t'Ottubru, 2017 u t-3 ta' Ottubru, 2017, f'hin bejn 12:00 p.m. u 02:00 p.m. ikkommettew serq ta' tlett cilindri tal-gass minn barra r-residenza 4, Gizimina, Triq Thomas Ashby, Marsaskala u dan ghad-dannu ta' Ruth Klotzer u/jew persuni ohra (Art. 258 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
26. Akkuzati aktar talli fit-12 ta' Settembru, 2017 f'xi hin bejn il-05:00 pm u s-06:15 pm ikkommettew serq ta' diversi ghodda minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li tinstab fi Triq Josef Kalleya, Swieq liema serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" u bil-"valur (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta' Angelo Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 261(b)(c), 263(a), 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Roderick Zahra akkuzat wahdu talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkotanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Akkuzati t-tnejn flimkien talli fl-istess perjodu ta' zmien kisru l-provvedimenti tal-

artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienu nstabu hatja mill-Qrati ta' Malta (Magistrat Dr. G. Mercieca LL.D.) fejn inghataw kundizzjoni biex ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja, ikkundannat lill-Roderick Zahra ghal perjodu komplessiv ta' tliet (3) snin habs effettivi u rrakommandat lid-Direttur tal-habs sabiex il-hati jibda programm kontra l-vizzju tad-droga tul il-permanenza tieghu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Ikkundannat lill-Ruth Spiteri piena ta' tmintax-il (18) xahar habs li permezz ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar. Il-Qorti poggiet lill-hatja Ruth Spiteri taht Ordni ta' Trattament kontra l-vizzju tad-droga ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li s-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali pprezentat fit-30 ta' Ottubru, 2017 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett u tgħaddi sabiex tagħti sentenza skont il-liġi; jew, alternattivament u f'każ li din it-talba tiġi miċħuda, tirriforma s-sentenza appellata billi:

2. (i) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom mill-Prosekuzzjoni u tikkonfermaha wkoll fil-parti tal-piena erogata fil-konfront ta' Roderick Zahra;

u

(ii) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena erogata fil-konfront ta' Ruth Spiteri, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Zahra, pprezentat fl-24 ta' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellate, billi filwaqt li tikkonfermha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tvarja l-piena inflitta, billi timpani piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali u cioe':-

Illi fit-18 ta' Ottubru 2017, ai termini tal-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikorrent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest hekk kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa bbażżat fuq il-fatt illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet fuq premessi mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2017, hija nulla u dan stante illi għalkemm il-Qorti sabet l-appellati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom, hija naqset milli tiċċita l-artikoli kollha tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom l-appellati nstabu ħatja.

Illi f'tali ċirkostanzi, l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*

Illi in oltre, skont il-ġurisprudenza nostrana, in-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, f'liema każ, jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. Konsegwentament, stante li l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati naqset milli tindika dawk l-artikoli tal-liġi li jkunu jikkontemplaw r-reati li tagħhom instabu ħatja l-appellati, l-appellant jinsab fl-impossibilità li jiddetermina jekk il-piena erogata fil-konfront ta' l-appellati hijix waħda fil-parametri tal-liġi kif ukoll huwa fl-impossibilità li jiddetermina jekk il-Qorti trattatx ma' l-appellata Ruth Spiteri ai termini ta' l-artikolu 23 (1) (a) ta' l-Att Dwar il-Probation.

Illi subbordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel aggravju surreferit, it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa msejjes fuq il-fatt illi, fil-konfront ta' Ruth Spiteri, il-Qorti tal-Maġistrati erogat piena illi fil-kwantità tagħha hija differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-appellata Ruth Spiteri instabet ħatja fuq ammissjoni tagħha. Dan qiegħed jingħad stante illi l-Qorti tal-Maġistrati mponiet sentenza sospiża fuq l-appellata Ruth Spiteri meta din instabet ħatja talli kisret libertà kondizzjonata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Mercieca LL.D. nhar is-6 ta' Marzu 2017.

Illi l-artikolu 28A (7) (ċ) tal-Kodiċi Kriminali speċifikament jistipula illi:

*(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin;*

*.........*

*(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.*

Illi stante illi l-appellata Ruth Spiteri ammettiet u konsegwentament instabet ħatja li kisret libertà kondizzjonata b'kull dovut rispett, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma setgħet qatt legalment tinfliġġi piena ta' priġunerija sospiża ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u dan in vista tal-eskluzzjoni ċarissima u inekwivoka ta' sentenza sospiża f'ċirkostanzi bħal dak li tinsab fihom l-appellata Ruth Spiteri, hekk kif stipulat fis-sub-artikolu 28A (7) (ċ) tal-Kodiċi Kriminali surreferit. L-appellant jirrileva wkoll illi mhux talli l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment timponi sentenza sospiża fuq l-appellata Ruth Spiteri, talli saħansitra l-Qorti kellha tittratta magħha għar-reat li dwaru saret il-libertà kondizzjonata b'kull mod li tista' tirtratta magħha li kieku kienet għadha kemm ġiet dikjarata ħatja minn jew quddiem dik il-Qorti għal dak ir-reat, u dan in vista ta' dak stipulat fl-artikolu 23 (1) (a) ta' l-Att Dwar il-Probation.

Rat l-aggravji tal-appellant Roderick Zahra:

Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena;

Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuqhu kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta;

F'dan is-sens, fl-umli fehma tal-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita', ma tohloqx bilanc vejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, datata 25 ta' April, 2006, per Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; *Il-*

*Pulizija vs John Farrugia,* fejn il-piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap 446.
Jirrizulta li l-esponenti ammetta fi stajdu bikri tal-proceduri, b'dan li ma nheliex hin prezzjuz tal-awtoritajiet investigattivi u l-hin tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti jhoss li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu. Jirrizulta wkoll, li l-esponenti sfortunatament qabad it-triq tal-kriminalita' minhabba dipendenza akuta ghall-vizzju tad-droga.

Fil-kawza *il-Pulizija vs Carmen Butler*, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristallizzat propju da nil-principju, u cioe' illi l-Qorti tal-Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz,m bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, ssir refernza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation.*

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-***

***ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv****... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia:*

*"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin*

*sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.""***

L-esponenti umilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta' li attwalment l-esponent jinsab fiha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra tittratta ir-rikors ta' l-appell tal-Avukat Generali fil-konfront taz-zewg appellanti prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Ottubru 2017 (fol. 18) stante li dan jittratta fuq in-nullita tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti a bazi ta' zewg binarji.

L-ewwel aggravju huwa fis-sens li minkejja li l-ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kif migjuba konta taghhom b'sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru 2017, hija naqset milli ticcita l-artikoli kollha tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li taghhom l-appellanti nstabu hatja u ghalhekk dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanjzali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici kriminali f'liema kaz, jintitola lil din il-Qorti thassar is-sentenza appelata.[1]

Fit-tieni lok l-Avukat Generali minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju fil-konfront ta' Ruth Spiteri l-ewwel Qorti errogat piena illi fil-kwantita taghha hija differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-appellata Ruth Spiteri instabet hatja fuq ammissjoni taghha. Dan ghaliex meta instabet hatja talli kisret liberta kondizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-6 ta' Marzu, 2017 hija inghatat sentenza sospiza minkejja li l-artikolu 28A (7) ( c ) tal-kodici Kriminali specifikament jistipula illi (7) Ordni bis-sahha tas-sub artikolu (1)[2] m' ghandux issir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin.

….

( c) "*meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kundizzjoni skond l-Att dwar il-Probation.*"

Illi jinghad ukoll li Roderick Zahra ukoll intavola appell pero' llimita l-aggravju tieghu limitatament ai fini ta' piena li fil-fehma tieghu kienet wahda eccessiva.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra fl-ewwel lok titratta il-kwsitjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali u dan ghaliex f'kaz li tali aggravju jigi milqugh l-Qorti ma jkollhiex ghalfejn titratta l-aggravji l-ohra.

---

[1] Il-Pulizija vs Jeffrey Savage Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar l-1 ta' Gunju 2011.

[2] Dan is-sub artikolu jittratta dwar is-etgha sabiex tmponi sentenza sospiza.

Illi skont il-gurisprudenza nostrana, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, f' liema kaz, jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.[3]

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hu artikolu importanti hafna peress li jinkopora fih ir-rekwiziti necessarji li ghandha jkollha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li ghandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jghid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 ghandu jkun presenti f'dan l-artikolu ukoll. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi sine qua non ghall-validita ta' sentenza.

L-artikolu 382 tal-Kap 9 jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu jiddisponi s-segwenti:-

"*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*"

Ghalhekk skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati;
(ii) Tagħti l-piena lill-hati u
(iii) Isemmi l-artikolu tal kodici jew kul rat iehor li johloq ir-reat .

---

[3] Il- Pulizija ((Spettur Edel Mary Camilleri) (Spettur Carlos Cordina) -vs- Keith Pace deciza fit-22 ta' Jannar 2019

Dawn it-tlett elementi ghalhekk ghandhom jinsabu f'kull sentenza tal-qorti tal-Magistrati. *Various times before our Courts the issue of which judgment should be considered as the final and binding one since these three requisites must be found in the final written judgment*. Il-Qrati dejjem irritenew li fis-sentenza finali taghha dawn ir-rekwiziti ghandhom ikunu presenti tant li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gesmond Sant**[4], il-Qorti ghamlitha cara li l-kopja ufficcjali tas-sentenza tal-Qorti hija dik li tinhareg mir-registratur tal-Qorti fejn dawn l-istess tlett elementi jinsabu spjegati.

Il-Qorti sostniet li:-

*"Dan ifisser quindi illi l-appunti illi jikteb il-Magistrat, jibqghu biss appunti ghall-informazzjoni tieghu. Is-sentenza illi taghmel stat fil-konfront tal-partijiet u terzi, hija dik il-kopja ufficcjali illi tohrog minghand id-Deputat Registratur, taht il-firma tieghu biss. Il-Magistrat m'ghandux ghalfejn jiffirma l-kopja ufficcjali. Dan 'l ghaliex l-istat legali jkun intlahaq mid-Deputat Registratur u mhux mill-Magistrat pero, jekk il-Magistrat jaghzel li jiffirma ma jaghmel xejn hazin, basta li fuq il-kopja jkun hemm ukoll il-firma tad-Deputat Registratur"*.

Aktar u aktar fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[5] il-Qorti irriteniet li:

*"Wara li l-Qorti rat l-atti tal-kawza specifikament l-appunti li kitbet il-Magistat fis-sentenza kif ukoll il-kopja ufficjali, tikkonferma illi l-raba' akkuza hija nieqsa millkonsiderazzjonijiet illi jidhru fil-kopja ufficjali. Dan jidher illi huwa zball tat-traskrittur illi bi zvista jew ghal xi haga ohra naqas milli jipproduci ezatt dak illi kitbet il-Magistrat"*.

---

[4] Moghtija nhar id- 19 ta' Frar 2014 mill-Qorti tal-Appellil Kriminali

[5] Moghtija nhar l- 4 ta' Marzu 2011 mill-Qorti tal-Appellil Kriminali

Jinghad mill-bidu nett li hija l-kopja ufficjali mahruga mid-Deputat Registratur illi jaghmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti jew is-sentenza li tkun miktuba mill-Magistrat. Dana stabbilit u ovvju pero' illi hemm diskrepanza bejn il-punti li kitbet il-Magistrat u s-sentenza ufficjali, liema diskrepanza hija sforz lapsus jew zball tekniku tad-Deputat Registratur. Peress illi huwa dmir tal-Qorti illi ssalva kemm jista' jkun l-atti, ma thossx illi ghandha tmur ghall-estrem tan-nullita' tas-sentenza, aktar u aktar meta dan l-izball jista' facilment jigi rrangat u dak li qalet il-Magistrat jista' jigi riprodtt fedelment fis-sentenza ufficjali.

Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni tan-nullita' imqajjma mill-Avukat Generali billi tichad l-istess, izda tordna illi l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti halli d-Deputat Registratur johrog kopja ufficjali ohra w jirriproduci fedelment dak illi qalet il-Magistrat fis-sentenza taghha".

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segweit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal kap 9 .Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita f'wahda minn dawn it-teltt elementi fuq imfisra iwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala risultat ta' difett fil-formalita. Fi kliem iehor dawn ir-rekqiziti mhumiex sempli formalita izda rekwiziti necessarji ghall-validita tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**[6] il-Qorti irriteniet li:-
"*Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali*

[6] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340 deciza mill-Qorti tal-Appellil Kriminali

*fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'".*

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**,[7] gie ritenutli:-

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali"*.

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza .

L-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fil-fatt li s-sentenza tat-13 ta'Otturbu, 2017 hija nulla stante li minkejja li l-appellant rregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni, l-Qorti tal-Magistrati naqset li ticcita dawk l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li l-appellat ammetta ghalihom specifikament l-artikoli 49, 50, 261 ( b) ( c) ,263 (a), 267, 279 (b), 285,289 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan l-istadju referenza ssir għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Joseph Cutajar**[8] fejn b'referenza għall-Artiklu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

---

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Frar 1995

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ġunju 2014

*"Illi l-artikolu hawn fuq imsemmi jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma. Dan mhux kaz ta' 'lapsus calami' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija. Fil-fatt il-gurisprudenza l-aktar recenti hi ta' dan il-hsieb ukoll. Hawnhekk, qed issir referenza ghal tlett sentenzi moghtija minn din il-Qorti, diversament presejduta:**Il-Pulizija v. Graham Agius**[9] ;**Il-Pulizija v. Angelo Tanti**[10] ;**Il-Pulizija v. Benjamino Camilleri**[11])."*

Illi jirrizulta bic-car li skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li Jigu citati l-artikoli kollha jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex kif gie spjegat 'l fuq dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[12]"; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[13]" "**Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**[14]", "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[15]", **Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[16]" ; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[17]" u ohrajn).

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Lulju, 2010

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru, 2011

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru, 2011

[12] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003

[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002

[14] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Lulju 2002 u it-28 ta' Gunju 2002

[15] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 2002

[16] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Settembru 2004

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005

Kodici Kriminali.

Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ghalkemm f'dan il-kaz dan hu aggravju principali tal-Avukat Generali. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[18]" ; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[19]" u ohrajn).

Stante l-aggravju tan-nullita' qed jigi milqugh, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddiskuti l-aggravju l-iehor solevat mill-Avukat Generali fir-rigward ta' Ruth Spiteri u lanqas l-aggravju tal-appellant Roderick Zahra dwar jekk is-sanzjoni imposta mill-Qorti kienitx wahda idoneja jew le fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, u tordna li l-appellati jergghu jitpoggew fil-pozizzjoni li kienu immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w dan biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

---

[18] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 1994

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005